



Brussell, 9 ta' Frar 2026
(OR. en)

05219/26

LIMITE

CORLX 28
CFSP/PESC 38
COARM 9
COAFR 7
FIN 27

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar
miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/101/PESK¹, li tikkonċerna miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/101/PESK, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li jitħassru d-dispożizzjonijiet dwar il-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar u l-iffriżar tal-assi, kif ukoll il-projbizzjoni relatata li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, u jenħtieġ li t-titolu ta' dik id-Deċiżjoni jiġi emendat biex jirrifletti l-fatt li l-qafas jinkludi biss embargo fuq l-armi.
- (3) Il-Kunsill iqis li d-Deċiżjoni 2011/101/PESK jenħtieġ li tiġġedded sal-20 ta' Frar 2027. Jenħtieġ li l-Kunsill ikompli jissorvelja s-sitwazzjoni politika u ta' sigurtà fiż-Żimbabwe u jżomm il-miżuri taħt rieżami kostanti fid-dawl tal-iżviluppi.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/101/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe (ĠU L 42, 16.2.2011, p. 6, ELI: [http://data.europa.eu/eli/dec/2011/101\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/dec/2011/101(1)/oj)).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/101/PESK hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/101/PESK tal-15 ta' Frar 2011 li tikkonċerna embargo fuq l-armi fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe";

(2) l-Artikoli 4 sa 7 huma mħassra;

(3) fl-Artikolu 10(2), id-data "20 ta' Frar 2026" hija sostitwita bid-data "20 ta' Frar 2027";

(4) jitħassar l-Anness I.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
